**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 8 ta' Frar, 2018**

**Talba Nru: 335/2017PM1**

**Go p.l.c.**
**(C 22334)**

**Vs**

**Charmaine Stellini (469279(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-ewwel (1) t' Awwissu, 2017 illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat elef u erbatax- il euro u erbgha u disghin centezmi (€4014.94) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40296793, bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 988/16, u bl-imghaxijiet legali sa mis-6 ta' Gunju, 2016, data tal-prezentata tal-imsemmija ittra ufficjali.

Ra d-dokumenti annessi mal-istess avviz a sostenn tat-talba.

Ra r-risposta tal-intimata permezz ta' liema eccepiet illi s-socjeta` attrici ghandha tipprezenta prospett dettaljat ta' kull kont li nhareg li jindika l-origini tal-ammont pretiz filwaqt li rrizervat li teccepixxi l-preskrizzjoni kwinkwennali ghal kwalunkwe ammont jekk ikun il-kaz; illi l-ammont pretiz huwa ezorbitanti, li m'ghandu jiddekorri ebda imghax stante li l-ittra ufficjali datata 6 ta' Gunju, 2016 qatt ma giet notifikata lilha u li finalment u fi kwalunkwe kaz l-intimata m'ghandhiex tbati spejjez tal-ittra gudizzjarja ghar-raguni suindikata, salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Ra illi waqt is-seduta tas-6 ta' Novembru, 2017 xehdet ir-rapprezentanti tas-socjeta` attrici Charmaine Psaila Raji li ezebiet ukoll, oltre prospett relattiv ghall-ammont mitlub, ghad ta' dokumenti ossija kopja tal-kontijiet kollha mahrugin mis-socjeta` attrici lill-intimata.

Ra illi l-intimata ma ressqet ebda prova waqt is-seduta tal-20 ta' Novembru, 2017, la fis-seduta tal-15 ta' Jannar, 2018 u lanqas fis-seduta tal-5 ta' Frar, 2018 minkejja dak verbalizzat u cioe` li tali seduti kienu intizi proprju ghall-provi kollha tal-istess intimata.

Ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghall-ghoti tas-sentenza.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi ghalkemm debitament notifikata l-intimata, minkejja li kkontestat il-kawza odjerna permezz tar-risposta taghha datata 13 t'Ottubru, 2017 ma ressqet ebda prova a sostenn tal-eccezzjonijiet taghha.

Illi min-naha tas-socjeta` attrici xehdet ir-rapprezentanti tal-istess li, filwaqt li kkonfermat l-ammont mitlub bhala wiehed dovut, prezentat ukoll faxxiklu ta' dokumenti koncernanti l-kont relattiva sostenn tal-istess. Evidentement dan sar anke in vista tal-ewwel eccezzjoni imressqa mill-intimata. Minkejja r-rizerva taghha f'dan ir-rigward l-intimat baqghet qatt ma ressqet ebda eccezzjoni ulterjuri ta' preskrizzjoni. Ghaldaqstant, tenut kont li l-faxxiklu ta' dokumenti ezebit mir-rapprezentanti tas-socjeta` attrici huwa

sufficjenti sabiex jipprova l-ammont reklamat, tant illi tali dokumenti lanqas ma jinsabu kontestati b'ebda mod mill-intimata stess, it-Tribunal ser jichad l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet kif imressqin mill-intimata.

Illi fir-rigward tal-imghaxijiet legali, it-Tribunal jaghmel referenza ghal dak li jinsab deciz mill-Onor. Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet '**Fogg Insurance Agencies Limited noe. et. v. Paul Tabone**' fis-17 ta' Frar, 2003 u cioe` li l-imghaxijiet jiddekorru min-notifika tal-att interpellatorju u mhux mid-data tal-introduzzjoni tieghu u jaghmel tieghu il-konkluzjoni hemmhekk raggjunta f'dan ir-rigward. F'dan il-kaz allura, it-tielet eccezzjoni ma tistax tigi akkolta ghaliex l-imghaxijiet xorta wahda jiddekorru fuq is-somma certa u likwida mitluba u dana mid-data tan-notifika lill-intimata tat-talba relattiva. Ghaldaqstant l-imghaxijiet huma dovuti fuq is-sorte sa mit-30 t'Awwissu, 2017, data tan-notifika lill-intimata tal-kawza odjerna.

Illi fir-rigward tal-ispejjez legali huwa car ukoll li l-intimata ghandha tigi kkundannata thallas l-istess u dana kemm fir-rigward tal-ispejjez u drittijiet legali koncernanti l-kawza odjerna u kif ukoll fir-rigward ta' dawk koncernenti l-ittra ufficjali surreferita peress li dawn l-ispejjez gew inkorsi intortament mis-socjeta` attrici tenut kont tal-fatt li l-ammont mitlub irrizulta dovut mill-intimata. In-nuqqas ta' notifika tal-ittra ufficjali lill-intimata jinfluwixxi *se mai* fuq l-imghaxijiet dekorribbli skont il-ligi u kif hawn fuq deciz imma mhux fuq il-fatt jekk l-intimata ghandhiex tigi ritenuta responsabbli ghal tali spejjez inkorsi mis-socjeta` attrici. Huwa car li l-ittra ntbaghtet proprju fl-indirizz tal-intimata skont ir-Registru Elettorali (estratt ezebit a fol. 7 tal-process) u skont kif minnha stess dikjarat fir-risposta taghha. Ghaldaqstant is-socjeta` attrici m'ghandhiex tigi penalizzata jekk, ghal ragunijiet certament imputabbli esklussivament lill-intimata, l-istess intimata naqset milli tigbor din l-ittra ufficjali u s-socjeta` attrici giet ghalhekk kostretta tipprocedi permezz tal-kawza odjerna sabiex tirkupra s-somma dovuta lilha. Ghaldaqstant ir-raba' eccezzjoni tal-intimata wkoll timmerita li tigi michuda.

Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li jichad l-ewwel, it-tieni u r-raba’ eccezzjonijiet tal-intimat, jilqa’ t-talbiet attrici u jilqa’ limitatament it-tielet eccezzjoni tal-intimata u kwindi jikkundanna lill-istess konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma mitluba ta’ erbat elef u erbatax- il euro u erbgha u disghin centezmi (€4014.94) in konnessjoni ma’ servizzi migbura fil-kont bin-numru 40296793, bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 988/16, u bl-imghaxijiet legali sa mit-30 t’Awwissu, 2017.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**